## BORMLA TIDDOMINA R-REGATTA TAL-VITTORJA U TA' JUM IL-ĦADDIEM

Din is-sena Bormla ddominat iż-żewġ Regatti li saru, kemm ir-Regatta tal-Vittorja kif ukoll l-ewwel edizzjoni tar-Regatta ta' Jum il-Ħaddiem. Dawn is-suċċessi komplew ikabbru l-unuri li tgawdi Bormla fit-tiġrijiet u wrew supremazija mill-qaddiefa Bormliżi li kisbu 'double'.



**Id-dgħajsa bit-tnejn l-ewwel; waħda mill-erba' korsi li ntrebħu.**

Fir-Regatta tal-Vittorja Bormla ddominat tant li rebħet il-palju ta' l-ewwel f'erbgħa minn ħames korsi. Dawn kienu tal-Midalji, ta' bi tnejn, tal-Kajjikki u ta' b'erbgħa; filwaqt li fil-korsa tal-Frejgatini ġiet it-tieni. B'hekk ix-shield intrebħet mill-qaddiefa Bormliżi għall-għadd rekord ta' 14 -il darba u b'total ta 84 punt. Mario Azzopardi waqqaf 'rekord' personali impressjonanti billi qadef f'erba' korsi u ħa l-ewwel fl-erbgħa li huma. Gino Cassar ħa l-ewwel fi tliet korsi, Mario Vella u Joseph Pace fi tnejn u John Elsworth fil-kajjikk, Francis Azzopardi u Mario Vella kisbu wkoll it-tieni post bil-frejgatina bil-c/w Simon Vella. Il-Banda Cospicuana San Ġorġ ħadet sehem fil-Marċ tar-Rebħ tar-Regatta li sar il-Ħadd 25 ta' Settembru mat-toroq prinċipali ta' Bormla wara li saret quddiesa fil-Parroċċa u preżentazzjoni ta' bukkett lill-Kunċizzjoni.



**Id-dgħajsa Bormliża Santa Liena, l-ewwel f'tal-Midalji fir-Regatta ta' Jum il-Ħaddiem.**

Din is-sena (1988) saret ukoll ir-Regatta ta' Jum il-Ħaddiem f'dockyard Creck' li ntrebħet ukoll minn Bormla b'total ta' 72 punt. F'din ir-Regatta l-qaddiefa Bormliżi ġew l-ewwel fil-korsi tal-Midalji, ta bi tnejn u ta' bl-erbgħa filwaqt li fil-frejgatina spiċċaw il-tieni.

Dawn kienu żewġ paġni oħra tad-deheb fl-istorja tar-Regatta f'Bormla. Prosit tassew Kumitat, qaddiefa u partitarji.

SUNNY AQUILINA


**Aslu wasla għand**

**ALFRED VELLA**

# MAXIMS

***66, Triq S. Tereża, Bormla***

*Fejn il-Knisja ta' Bormla*

**Fejn issibu kull xorta ta' pastizzi, qassatat, pizza, torti meatpies u timpani**